

Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

Id-19-il Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2054) • 10 ta' Awissu 2008

**Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew** (Mt. 14, 22-33)



Wara li n-nies kielu u xebgħu, Ġesu' minnufih ġiegħel lid-dixxipli jitilgħu fuq id-dgħajsa u jmorru qablu x-xatt l-ieħor, sakemm jibgħat lin-nies. Wara li bagħat lin-nies, tela' waħdu fuq l-għoljiet biex jitlob. Xħin sar filgħaxija kien għadu hemm fuq, waħdu; id-dgħajsa kienet diġà f'nofs il-baħar titħabat mal-mewġ, għax kellhom ir-riħ kontra tagħhom. Fir-raba' sahra tal-lejl mar lejn in-naħa tagħhom miexi fuq il-baħar. Huma rawh miexi fuq il-baħar u twerwru."Dan xi fantażma!" qalu; u qabdu jgħajjtu bil-biża'. Iżda hu minnufih kellimhom u qalilhom: "Agħmlu l-qalb, jiena hu, tibżgħu xejn!" Wieġeb Pietru u qallu: "Mulej, jekk huwa int, ordnali niġi ħdejk fuq l-ilma." "Ejja!" qallu Ġesù. Pietru niżel mid-dgħajsa, u qabad jimxi fuq l-ilma u jersaq lejn Ġesù. Iżda meta ra li r-riħ kien qawwi, baża', ħabat jegħreq, u beda jgħajjat u jgħid: "Salvani, Mulej!" Malajr Ġesù medd idu u qabdu: "Bniedem ta' fidi żgħira!" qallu,"għaliex iddubitajt?" Meta mbagħad it-tnejn telgħu fid-dgħajsa, ir-riħ waqaf. Dawk li kienu fid-dgħajsa nxteħtu jqimuh u qalulu: "Tassew, int Bin Alla!"

**RIFLESSJONI**

- Ġesu' kien dejjem isib ħin biex ikun waħdu ħalli jitkellem mal-Missier tiegħu, anke fit-tul.
- Id-dixxipli x'ħin kienu fuq id-dgħajsa sabu ruħhom jitħabtu mal-mewġ, kif kellhom iħabbtu wiċċhom mal-mewġ tal-ħajja fil-missjoni tagħhom.
- Huma lil Ġesu' ħasbuh xi ħaġa li tbeżża', iżda Ġesu' jersaq lejhom u jagħmlilhom il-qalb u joffrilhom salvazzjoni fis-sitwazzjoni li kienu fiha.
- Fil-ħajja tagħna bħala dixxipli, Ġesu' daqqa jidher bil-qawwa tiegħu u xi drabi niddubitaw u nibdew neżlin 'il-isfel fid-djufija tagħna, bħalma ġara lil Pietru.
- Il-preżenza ta' Ġesu' fost id-dixxipli, ġabet il-kalma, ġabet il-kuraġġ, u saħħet il-fidi tagħhom.

# 1750 Sena mill-Martirju ta' San Lawrenz Djaknu



Il-martirju ta' San Lawrenz ġara eżatt bħal-lum 1750 sena, jiġifieri fl-10 ta' Awissu 208 fi żmien l-imperatur Valerjanu.

Il-Missal Ruman ta' l-ewwel żminijiet jippreżenta lil San Lawrenz b'dan il-mod: **"Lorenzo, il-famuż djaknu tal-Knisja ta' Ruma, ikkonferma bil-martirju tiegħu s-servizz għu ta' karita' erbat ijiem wara l-martirju tal-Papa Sistu II. Skond it-tradizzjoni diġa' magħrufa mir-raba' seklu, San Lawrenz ġie mmartirizzat b'mod mill-aktar kiefer maħruq fuq gradilja, wara li qassam il-ġid li kellha l-Knisja lill-foqra, li kienu meqjusa minnu bħala l-veri teżori tal-Knisja."**

Il-Papa San Damasu hekk kiteb fuq qabru: **"Il-flaġelli ta' l-għedewwa, in-nar, it-turmenti, il-ktajjen, il-fidi biss ta' Lorenzo tirbaħhom."**

Il-Knisja tagħmel il-festi lill-qaddisin mhux tant għax il-qaddisin għandhom bżonn il-festi tagħna iżda biex nimittawhom. U San Lawrenz jistedinna għal tliet ħwejjeġ:

- Billi nkunu nies innamrati mal-**Kelma t'Alla**. San Lawrenz kien qaddej kbir tal-Kelma billi xandarha, immeditaha u għexha.
- Billi nkunu nies li nħobbu ċ-ċelebrazzjoni tal-**Liturġija**, speċjalment il-quddiesa. Għax il-liturġija hija *training* għas-sema. Fil-Liturġija Alla jiltaqa' mal-bniedem u l-bniedem m'Alla.
- Billi nkunu nies ta' **Karità**. L-għaxqa tagħna għandha tkun li ngħinu lill-fqir, lill-barrani, lill-marid u lill-batut. Dawn huma t-teżori tal-Knisja.

F'dan l-anniversarju speċjali, nitolbu lil San Lawrenz biex jagħmel minna Nsara tassew awtentiċi.

*Dun Nazju Borg, Kappillan Parroċċa San Lawrenz*

## *Jistgħu jinteressawk*

*Ġimgħa 15:* *Solennita' tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija (Festa Kmandata)*
*Festa tal-Assunta (Parroċċa Katidral)*

gozopress • 21551534

# *It-Talba tal-ġimgħa*

***Mulej Ġesu', saħħaħ il-fiduċja tiegħi fiK quddiem il-mewġ tal-ħajja, għax meta jaħkimni d-dubju fil-preżenza tiegħek, jien nibda ngħodos fid-djufija tiegħi.***

